MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 383/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Fiorini**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-10 ta’ Dicembru 2008. L-appellat Kevin Fiorini (bin Mario u Domenica nee Bartolo, imwieled San Giljan fis-27 ta’ Marzu 1980 u detentur tal-karta ta’ l-identita` nru. 192980M) tressaq b’arrest fl-14 ta’ Awwissu 2005 quddiem il-Qorti Inferjuri akkuzat talli bejn it-12 u t-13 ta’ Awwissu 2005 u fix-xhur qabel dawn id-dati (**i**) (u hawn din il-Qorti ser tikkwota testwalment l-akkuza kif riportata a fol. 1 wara t-talba ghaz-zieda ta’ din l-akkuza li saret fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2006, ara fol. 201) “assocja ruhhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex

ibiegh jew jittraffika medicina (*ecstasy*) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovi, jikkoxtitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni", (**ii**) ittraffika, bejgh, qassam jew offra li jitraffika jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) bi ksur tal-ligi, (**iii**) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) bi ksur tal-ligi, liema medicina nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu, (**iv**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, (**v**) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (**vi**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, u (**vii**) li "kiser il-kundizzjonijiet ta' diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jithassru".

**2.** Originarjament l-Avukat Generali kien hareg ordni – anzi proprjament zewg ordnijiet, wiehed taht il-Kap. 101 u l-iehor taht il-Kap. 31 – biex l-imsemmi Fiorini jigi gudikat mill-Qorti Kriminali, u ghalhekk inbdiet il-kumpilazzjoni relattiva. Wara, izda, fil-25 ta' Jannar 2007 (fol. 233) inhareg kontrordni (din id-darba wiehed izda maghmul kemm skond l-Artikoli 22(2) u 31 tal-Kap. 101 kif ukoll skond l-Artikolu 120A(2C) tal-Kap. 31) ghalbiex il-kawza tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

**3.** Fil-10 ta' Dicembru 2008, kif diga` nghad, il-Qorti Inferjuri ppronunzjat is-sentenza taghha. Dik il-qorti **lliberat** lil Kevin Fiorini mill-**ewwel** u mit-**tieni** imputazzjoni, sabitu **hati** skond it-**tielet** imputazzjoni **izda biss ta' pussess semplici** (cioe` minghajr il-kwalifika li l-medicina nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur), u sabitu **hati wkoll** skond ir-**raba'**, il-**hames** u **s-sitt** imputazzjoni; u wara li kkonstatat fir-rigward tas-seba' imputazzjoni li huwa, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Mejju 2005 kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal tlett snin minn dik id-data, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin (mid-data ta' dik is-sentenza, cioe` mill-10 ta'

Dicembru 2008) u dan fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

**4.** L-Avukat Generali qed jitlob li din il-Qorti tirriforma din is-sentenza billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellat Fiorini gie lliberat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni kif ukoll fejn inghata *conditional discharge*, u tikkonfermaha fil-bqija, u minflok tghaddi biex taghti l-piena skond il-ligi. Hu jilmenta li l-ewwel qorti "ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi kif ukoll apprezzament hazin tal-provi migjuba", u li kien minhabba tali enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta kif ukoll minhabba dan l-apprezzament hazin tal-provi li lliberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

**5.** Issa, dwar l-ewwel imputazzjoni, apparti konsiderazzjonijiet ohra – u verament kien hemm hafna x'wiehed jista' jghid f'dan il-kaz dwar l-assocjazzjoni (*conspiracy*) u kif din tista' tigi ppruvata b'mod inferenzjali[1] – din il-Qorti qatt ma tista' ssib lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni, u dan ghal raguni wahda u semplici. Din l-ewwel imputazzjoni hija monka u semplicement ma tgahmilx sens. L-*ecstasy* (MDMA) hija regolata <u>mhux bl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101)</u> izda bil-Kapitolu 31, cioe` bl-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha. Kieku l-ufficjal prosekutur f'dan il-kaz talab, fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2006, li l-akkuza tkun taqra li l-imputat "assocja ruhhu...sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (*ecstasy*)…<u>bi ksur tal-ligi</u>" il-problema ma kenitx tqum. Hu ried ikun, minghalih, aktar preciz u spicca biex hawwad id-dinja ghax irrefera ghal ligi flok ghal ohra. U mhux hekk biss: wara dik l-udjenza kien hemm xejn anqas minn erba' rinviji[2] qabel ma nhareg il-kontrordni tal-Avukat Generali. La f'dawn ir-rinviji u lanqas f'xi stadju wara l-kontrordni u qabel ma nghatat is-sentenza ma ntalbet li ssir l-opportuna korrezzjoni. Kieku din il-Qorti kellha tilqa' l-appell tal-Avukat Generali fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni u ssib lill-appellat hati taghha, tkun qed

---

[1] Ara, fost ohrajn, is-sentenza recenti ta' din il-Qorti (kollegjalment komposta) tat-2 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden**.
[2] 22/7/06 (fol. 204), 29/10/06 (fol. 208), 17/11/06 (fol. 219) u 5/1/07 (fol. 228).

issibu hati ta’ reat inezistenti, ghax fil-Kap. 101 ma hemm ebda disposizzjoni li titratta dwar pussess, traffikar, assocjazzjoni ecc. tal-medicina *ecstasy* ossia MDMA jew il-varjanti taghha. Ghalhekk, u ghalhekk biss, l-appell tal-Avukat Generali in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni qed jigi respint.

**6.** Nigu issa ghat-tieni imputazzjoni. L-ewwel qorti lliberat lill-appellat, allura imputat, Fiorini minn din it-tieni imputazzjoni ghax mill-pilloli kollha li nstabu fuqu u fuq il-persuna li kienet mieghu (certu Deguara, li kien ghadu kif xtara mitt pillola minghand Fiorini) irrizulta li 8 pilloli biss kienu MDMA, mentri l-ohrajn kollha kienu droga li, ghall-anqas dak iz-zmien, ma kenitx ikkontrollata. Biex wiehed jaghti stampa aktar cara, instabu (a) 300 pillola f’“kalzetta” li Fiorini tefa’ barra mit-tieqa tal-vettura, (b) 25 pillola fuq il-persuna tal-istess Fiorini, u (c) 100 pillola fil-vettura, li taghhom ha r-responsabbilta` s-sewwieq tal-vettura, Simon Deguara, u li rrizulta li kien ghadu kif xtara minghand l-appellat. Issa, filwaqt li t-300 pillola u l-100 pillola (kollha bis-simbolu *thumbs up* – ara r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 164 tal-atti), kif ukoll 17-il pillola (ukoll bil-marka *thumbs up*) minn dawk il-25 li nstabu fuq Fiorini ma kinux droga ikkontrollata, it-tmienja l-ohra minn dawn il-hamsa w ghoxrin, li kienu ta’ kulur differenti u li kellhom is-simbolu tal-*playstation*, kienu fil-fatt MDMA. L-ewwel qorti, li, bhala prova tal-provenjenza tal-pilloli li kien jixtri u li kien spacca f’xi zewg jew tlett okkazjonijiet l-appellat, allura imputat, kellha persuna wahda – certu Darco jew Darcio – waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm dubju dettat mir-raguni dwar kemm, f’dawk il-ftit okkazjonijiet ta’ bejgh li jissemmew, verament kienet giet spaccata MDMA (jew droga ohra illegali) u mhux proprju dik it-tip ta’ droga bhalma kienet instabet fl-417-il pillola l-ohra u li, kif inghad, ma kenitx ikkontrollata. Ma hemm xejn irragjonevoli f’dan id-dubju espress mill-ewwel qorti, kif donnu qed jippretendi l-appellant Avukat Generali. Huwa minnu li, jekk persuna tammetti li tkun bieghet jew xtrat *ecstasy* bla ma d-droga qatt tinstab, ikun legittimu li

wiehed jikkonkludi li tkun xtrat jew bieghet droga llegali[3] (u l-istess jekk ikun hemm ammissjoni dwar xi medicina perikoluza ohra, jew fil-kaz ta’ deposizzjoni ta’ xhud li jghid li jkun xtara *ecstasy*, kokajina, erojina ecc. minghad l-imputat); pero` fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz meta efftivament instabet droga li l-parti l-kbira taghha ma kenitx ikkontrollata, u meta s-sors taghha kienet l-istess persuna (jew, ghall-anqas, ma hemmx indikazzjoni ta’ sors iehor), wiehed ma jistax jghid li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel qorti kienet manifestament zbaljata jew irragjonevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell interpost mill-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara f’dan is-sens, ghalkemm fil-kuntest tar-reat ta’ assocjazzjoni, il-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti, kollegjalment komposta, fis-sentenza aktar ‘l fuq imsemmija **The Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden**.